SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (L-Ewwel Awla)

16 ta' Mejju 2017 *

"Kompetizzjoni — Akkordju — Abbuż minn pożizzjoni dominanti — Suq tad-distribuzzjoni ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti — Deċiżjoni ta' ċaħda ta' lment — Allegat aġir antikompetittiv ta' produtturi u ta' distributuri — Azzjoni miftiehma jew ikkoordinata ta' tressiq, minn produtturi u distributuri, ta' lmenti quddiem awtoritajiet amministrattivi u kriminali — Denunzja ta' allegat ksur tal-leġiżlazzjoni applikabbli minn importaturi paralleli — Kontrolli amministrattivi sussegwentement ikkummissjonati mill-awtoritajiet amministrattivi — Impożizzjoni ta' sanzjonijiet amministrattivi u kriminali mill-awtoritajiet nazzjonali fuq l-importaturi paralleli — Assimilazzjoni tat-tressiq ta' lmenti mill-produtturi u distributuri ma' azzjonijiet vessatorji jew ma' abbużi minn proċeduri amministrattivi — Nuqqas ta' interess tal-Unjoni — Dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva"

Fil-Kawża T-480/15,

Agria Polska sp. z o.o., stabbilita f'Sosnowiec (il-Polonja),

Agria Chemicals Poland sp. z o.o., stabbilita f'Sosnowiec,

Star Agro Analyse und Handels GmbH, stabbilita f'Allerheiligen bei Wildon (l-Awstrija),

Agria Beteiligungsgesellschaft mbH, stabbilita f'Allerheiligen bei Wildon,

irrappreżentati inizjalment minn S. Dudzik u J. Budzik, sussegwentement minn P. Graczyk u W. Rocławski, avukati,

rikorrenti,

vs

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn J. Szczodrowski, A. Dawes u J. Norris-Usher, bħala aġenti,

konvenuta,

li għandha bħala suġġett talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru C (2015) 4284 finali, tad-19 ta' Ġunju 2015 [Każ AT.39864 – BASF (li kien AGRIA *et* vs BASF *et*)], li tiċħad l-ilment imressaq mir-rikorrenti rigward ksur tal-Artikolu 101 u/jew tal-Artikolu 102 TFUE allegatament imwettaq minn, essenzjalment, tlettax-il impriża produtturiċi u distributriċi ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, bl-għajnuna jew bl-intervent ta' erba' organizzazzjonijiet professjonali u uffiċċju tal-avukati,

* Lingwa tal-kawża: il-Pollakk.

IL-QORTI ĠENERALI (L-Ewwel Awla),

komposta minn I. Pelikánová, President, P. Nihoul u J. Svenningsen (Relatur), Imħallfin,

Reġistratur: L. Grzegorczyk, Amministratur,

wara li rat il-fażi bil-miktub tal-proċedura u wara s-seduta tat-28 ta' Frar 2017,

tagħti l-preżenti

Sentenza

Il-fatti li wasslu għall-kawża

1 Ir-rikorrenti, Agria Polska sp. z o.o., Agria Chemicals Poland sp. z o.o., Star Agro Analyse und Handels GmbH u Agria Beteiligungsgesellschaft mbH, huma, rispettivament, żewġ kumpanniji rregolati mid-dritt Pollakk, kumpannija rregolata mid-dritt Ġermaniż u kumpannija rregolata mid-dritt Awstrijak, attivi fis-settur tal-bejgħ ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti magħmul fil-kuntest ta' importazzjonijiet paralleli ta' dawn il-prodotti li jippermettu, fost l-oħrajn, li jsir profitt mid-differenzi fir-rati tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) applikata għal dawn il-prodotti fid-diversi Stati Membri. Dawn l-operazzjonijiet jikkonsistu essenzjalment fl-importazzjoni fil-Polonja ta' dan it-tip ta' prodotti li jkunu ġejjin minn Stati Membri li fihom diġà ġew awtorizzati, fil-ħażna tagħhom fl-imħażen tar-rikorrenti fil-Polonja, imbagħad fl-esportazzjoni mill-ġdid tagħhom lejn Stati Membri oħra, inkluż lejn dawk li fihom dawn il-prodotti kienu inizjalment diġà ġew awtorizzati, f'dan il-każ, essenzjalment, fil-Ġermanja u fl-Awstrija.

Il-proċedura quddiem l-UOKiK

2 Fl-1 ta' Lulju 2010, Agria Polska ressqet, quddiem l-Urząd Ochrony Konkurencji i Konsumentów (uffiċċju għall-protezzjoni tal-kompetizzjoni u tal-konsumaturi, il-Polonja, iktar 'il quddiem l-"UOKiK"), ilment (iktar 'il quddiem l-"ilment nazzjonali") rigward il-ksur tal-Ustawa o ochronie konkurencji i konsumentów (liġi dwar il-protezzjoni tal-kompetizzjoni u tal-konsumaturi), tas-16 ta' Frar 2007 (Dz. U. nº 50, pożizzjoni 331), minn tlettax-il impriża, jiġifieri BASF SE, Bayer CropScience, RWA Raiffeisen Ware Austria AG (iktar 'il quddiem "RWA"), Deutscher Raiffeisenverband, Sumi-Agro, Monsanto, Nufarm, Rokita Agro, DuPont, Arysta, Syngenta, Dow u Makhteshim Agan, produttriċi jew distributriċi ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, bl-għajnuna jew bl-intervent ta' erba' organizzazzjonijiet professjonali, jiġifieri Industrieverband Agrar (iktar 'il quddiem "IVA"), Fachverband der chemischen Industrie – Industriegruppe Pflanzenschutz (IGP), European Crop Protection Association, Polskie Stowarzyszenie Ochrony Roślin (PSOR), stabbiliti rispettivament fil-Ġermanja, fil-Belġju u fil-Polonja, kif ukoll bl-għajnuna jew bl-intervent ta' uffiċċju tal-avukati.

3 B'ittra tal-10 ta' Awwissu 2010, il-president tal-UOKiK informa lil Agria Polska li, sa fejn il-prattiki li hemm riferiment għalihom fl-ilment nazzjonali kienu jirrigwardaw is-snin 2005 u 2006, dawn il-prattiki ma għadhomx jistgħu jkunu s-suġġett ta' investigazzjoni kkummissjonata minn dan l-uffiċċju. Fil-fatt, skont l-Artikolu 93 tal-liġi dwar il-protezzjoni tal-kompetizzjoni u tal-konsumaturi, proċedura fil-qasam ta' prattiki li jirrestringu l-kompetizzjoni ma tkunx tista' tibqa' tinfetaħ lil hinn minn terminu ta' sena li jibda jgħodd mit-tmiem tas-sena li fiha l-ksur inkwistjoni jkun intemm.

4 Fit-30 ta' Awwissu 2010, Agria Polska rrepetiet quddiem l-UOKiK it-talba tagħha għall-ftuħ ta' proċedura ta' investigazzjoni dwar l-allegat akkordju bejn il-produtturi u distributuri ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti billi sostniet li l-ilment nazzjonali, imressaq fl-1 ta' Lulju ta' qabel, kien jirreferi wkoll għal ksur minn dawn tar-regoli tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni Ewropea.

5 B'ittra tat-22 ta' Novembru 2010, il-president tal-UOKiK żamm il-pożizzjoni tiegħu filwaqt li speċifika li t-terminu ta' preskrizzjoni ta' sena previst mid-dritt Pollakk kien applikabbli anki meta l-investigazzjoni mitluba tkun tirrigwarda dispożizzjonijiet tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni.

Il-proċedura quddiem il-Kummissjoni

6 Fit-30 ta' Novembru 2010, ir-rikorrenti u Agro Nova Polska sp. z o.o., skont l-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003, tas-16 ta' Diċembru 2002, fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli [101 TFUE] u [102 TFUE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205), ressqu lment quddiem il-Kummissjoni Ewropea (iktar 'il quddiem, l-"ilment"). Dan l-ilment kien jirreferi għall-istess entitajiet bħal dawk fl-ilment nazzjonali mressaq quddiem l-UOKiK. Agro Trade Handelsgesellschaft mbH u Cera Chem S.a.r.l., kumpanniji rregolati rispettivament mid-dritt Ġermaniż u mid-dritt Lussemburgiż, ingħaqdu mal-ilment, u l-Kummissjoni ġiet informata b'dan fl-osservazzjonijiet komuni supplimentari ppreżentati mill-assjem ta' dawn il-kumpanniji (iktar 'il quddiem, il-"kumpanniji lanjanti inizjali") fil-15 ta' Diċembru 2010. Dawn l-istess kumpanniji ssottomettew lill-Kummissjoni informazzjoni komplementari fis-27 ta' April 2011.

7 Fid-29 ta' Lulju 2011, il-kumpanniji lanjanti inizjali ppreżentaw lill-Kummissjoni sunt tal-ilment.

8 Mid-dokumenti hekk sottomessi mill-kumpanniji lanjanti inizjali jirriżulta li l-ilment kien jirreferi essenzjalment għal ksur tal-Artikolu 101 TFUE. Dan l-ilment kien jirreferi wkoll għal ksur tal-Artikolu 102 TFUE minn RWA.

9 B'mod ġenerali, il-kumpanniji lanjanti inizjali sostnew li l-entitajiet li hemm riferiment għalihom fl-ilment kienu adottaw fir-rigward tagħhom prattiki li jiksru d-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni. Dawn il-prattiki ħadu essenzjalment il-forma ta' ftehim u/jew prattiki miftiehma bejn dawn l-entitajiet u kkonsistew f'denunzji abbużivi magħmula b'mod ikkoordinat quddiem l-awtoritajiet amministrattivi u kriminali Awstrijaki u Pollakki, li jqiegħdu f'dubju l-legalità tal-attivitajiet kummerċjali tal-kumpanniji lanjanti inizjali, fir-rigward kemm tar-rekwiżiti previsti fil-leġiżlazzjonijiet applikabbli għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti kif ukoll tal-kundizzjonijiet għall-eżerċizzju tal-kummerċ parallel ta' tali prodotti, inkluż fuq il-livell fiskali.

10 Skont il-kumpanniji lanjanti inizjali, huwa abbażi ta' dikjarazzjonijiet żbaljati, mhux kompleti jew saħansitra foloz, magħmula mill-entitajiet li hemm riferiment għalihom fl-ilment sabiex jiġu eliminati mis-suq, li huma kienu s-suġġett, b'mod żbaljat, ta' bosta kontrolli amministrattivi min-naħa tal-awtoritajiet amministrattivi, fiskali u kriminali Awstrijaki u Pollakki, inklużi kontrolli fuq il-post u sekwestri ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fl-imħażen tagħhom, u li proċeduri kriminali nbdew fil-konfront tagħhom, barra minn hekk f'mument tas-sena strateġiku għall-kummerċ ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jiddependi mill-istaġuni, jiġifieri matul l-ewwel parti tas-sena.

11 Dawn il-proċeduri amministrattivi u kriminali taw lok għall-impożizzjoni ta' multi għolja fuq il-kumpanniji lanjanti inizjali, li, barra minn hekk, wasslet għall-falliment ta' waħda minnhom, Agria Polska, kif ukoll għal miżuri ta' projbizzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti f'mument ċentrali tas-sena għall-kummerċ ta' dan it-tip ta' prodotti. Dan kellu bħala konsegwenza telf importanti, u diffiċilment reversibbli, ta' partijiet tas-suq għall-kumpanniji lanjanti inizjali.

12 Il-kumpanniji lanjanti inizjali, li ġew imposti fuqhom sanzjonijiet amministrattivi u kriminali, madankollu kisbu f'ċerti każijiet, permezz ta' rikorsi ppreżentati quddiem il-qrati nazzjonali kompetenti, l-annullament tal-imsemmija sanzjonijiet jew tnaqqis sostanzjali tal-ammont ta' dawn, li juri n-natura abbużiva u falza tad-dikjarazzjonijiet tal-entitajiet li hemm riferiment għalihom fl-ilment,

li l-kumpanniji lanjanti inizjali jikklassifikaw bħala "proċeduri vessatorji" fis-sens tal-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza tas-17 ta' Lulju 1998, ITT Promedia vs Il-Kummissjoni (T-111/96, EU:T:1998:183).

13 Il-kumpanniji lanjanti inizjali sostnew ukoll li dawn l-azzjonijiet ta' denunzja mill-entitajiet li hemm riferiment għalihom fl-ilment ġew iffaċilitati bl-intervent attiv kemm tal-awtoritajiet Ġermaniżi, b'mod partikolari ta' rappreżentant tal-ambaxxata tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja fir-Repubblika tal-Polonja, kif ukoll tal-awtoritajiet Pollakki. F'dan ir-rigward, dawn l-awtoritajiet nazzjonali kienu s-suġġett ta' lobbying intens min-naħa tal-produtturi u distributuri ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti.

14 Fis-27 ta' Marzu 2012, il-Kummissjoni, bil-qbil tal-kumpanniji lanjanti inizjali, bagħtet verżjoni mhux kunfidenzjali u kkonsolidata tal-ilment lill-entitajiet li hemm riferiment għalihom f'dan l-ilment, u dawn ppreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom matul ix-xhur minn April sa Ġunju 2012.

15 Fl-osservazzjonijiet rispettivi tagħhom, l-entitajiet li hemm riferiment għalihom fl-ilment ikkontestaw il-preżentazzjoni tal-fatti li tinsab fih u essenzjalment sostnew li d-diversi azzjonijiet meħuda minn xi wħud fosthom mal-awtoritajiet amministrattivi nazzjonali jew mal-qrati nazzjonali kienu leġittimi, b'mod partikolari minħabba preġudizzju għad-drittijiet tagħhom tal-proprjetà intellettwali jew industrijali u sabiex jiġu pprevenuti danni għar-reputazzjoni tagħhom. Huma spjegaw ukoll li l-azzjonijiet tagħhom bl-ebda mod ma kienu ġew ikkoordinati u li l-fatt li dawn l-azzjonijiet kienu ttieħdu f'dati viċin xulxin kien spjegat prinċipalment mill-fatt li kellhom jissubixxu, skont l-istess kalendarju, l-attivitajiet illegali tal-importaturi paralleli. Rigward il-kuntatti meħuda f'dan il-kuntest minn xi wħud mill-impriżi produttriċi u/jew distributriċi ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti jew bejn dawn tal-aħħar u l-organizzazzjonijiet professjonali jew inkella mal-amministrazzjonijiet nazzjonali, dawn kienu ġġustifikati b'mod sħiħ, bl-istess mod, barra minn hekk, bħall-parteċipazzjoni tagħhom fl-ispezzjonijiet. B'dan il-mod, dawn il-kuntatti leġittimi ma jistgħux jipprovaw l-eżistenza ta' akkordju fis-sens tal-Artikolu 101 TFUE.

16 B'ittra tat-8 ta' Diċembru 2014, il-Kummissjoni informat lill-kumpanniji lanjanti inizjali bl-intenzjoni tagħha li tiċħad l-ilment għar-raġuni prinċipali li ma kienx hemm interess suffiċjenti għall-Unjoni li tkompli bl-ipproċessar tiegħu skont l-Artikoli 101 jew 102 TFUE.

17 Insostenn tal-analiżi provviżorja tagħha, l-ewwel nett, il-Kummissjoni spjegat li l-probabbiltà li tiġi stabbilita l-eżistenza ta' ksur tal-Artikolu 101 u/jew tal-Artikolu 102 TFUE kienet limitata minħabba l-insuffiċjenza ta' provi pprovduti insostenn tal-ilment u wkoll minħabba d-diffikultà li tiġi stabbilita f'dan il-każ l-eżistenza ta' pożizzjoni dominanti ta' RWA jew ta' pożizzjoni dominanti kollettiva u, imbagħad, li jiġi pprovat abbuż minn tali pożizzjoni. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni indikat li hija ma kinitx tqis li l-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenzi tas-17 ta' Lulju 1998, ITT Promedia vs Il-Kummissjoni (T-111/96, EU:T:1998:183), u tal-1 ta' Lulju 2010, AstraZeneca vs Il-Kummissjoni (T-321/05, EU:T:2010:266), ikkonfermata f'appell permezz ta' sentenza tas-6 ta' Diċembru 2012, AstraZeneca vs Il-Kummissjoni (C-457/10 P, EU:C:2012:770), kienet intiża sabiex tiġi applikata għal sitwazzjonijiet li fihom impriżi jinformaw lill-awtoritajiet nazzjonali b'aġir jew b'azzjonijiet allegatament illegali ta' impriżi oħra jew fejn jeżerċitaw pressjoni favur azzjonijiet amministrattivi jew kriminali fir-rigward ta' dawn tal-aħħar. It-tieni nett, il-Kummissjoni qieset li r-riżorsi neċessarji għall-finijiet tal-investigazzjoni mitluba huma probabbilment sproporzjonati meta mqabbla mal-probabbiltà limitata li tiġi stabbilita l-eżistenza ta' ksur. It-tielet nett, il-Kummissjoni qieset li, f'dan l-istadju, l-awtoritajiet u l-qrati nazzjonali setgħu jkunu f'pożizzjoni aħjar sabiex jittrattaw il-problemi mqajma fl-ilment.

18 Fl-osservazzjonijiet ippreżentati fit-8 ta' Jannar 2015, l-avukat tal-kumpanniji lanjanti inizjali, bl-eċċezzjoni ta' Nova Polska, informa lill-Kummissjoni li Agro Trade Handelsgesellschaft u Cera Chem kienu rrinunzjaw milli jkomplu l-proċedura u setgħu għalhekk jitqiesu li "rtiraw l-ilment tagħhom". Huwa spjega wkoll li r-rikorrenti kienu qed jikkontestaw id-deċiżjoni mħabbra li ma

titteħidx azzjoni fuq l-ilment, b'mod partikolari billi speċifikaw li tali approċċ inaqqas b'mod kunsiderevoli l-opportunità tagħhom li jiksbu kumpens quddiem il-qrati nazzjonali għall-ksur inkwistjoni tad-dritt tal-Unjoni, jiġifieri l-Artikoli 101 u 102 TFUE.

19 Bid-Deċiżjoni Nru C (2015) 4284 finali, tad-19 ta' Ġunju 2015 [Każ AT.39864 – BASF (li kien AGRIA *et* vs BASF *et*)], (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata"), il-Kummissjoni ċaħdet l-ilment filwaqt li rrepetiet, essenzjalment, l-elementi tal-analiżi provviżorja esposti fl-ittra tat-8 ta' Diċembru 2014, u fl-istess waqt insistiet fuq il-fatt li hija kellha riżorsi limitati u li, f'dan il-każ, l-investigazzjoni fid-dettall li kellha titwettaq, rigward potenzjalment l-attivitajiet eżerċitati matul perijodu ta' seba' snin minn 18-il entità li jinsabu f'erba' Stati Membri, kienet tkun wisq kumplessa u tieħu ħafna ħin meta l-probabbiltà li jiġi stabbilit ksur kienet tidher limitata fil-każ inkwistjoni, li kien jimmilita favur il-fatt li ma tinfetaħx investigazzjoni.

Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet

20 B'att ippreżentat fir-reġistru tal-Qorti Ġenearli fid-19 ta' Awwissu 2015, ir-rikorrenti ppreżentaw dan ir-rikors.

21 Wara skambju doppju ta' noti u fuq proposta tal-Imħallef Relatur, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li tiftaħ il-fażi orali tal-proċedura. Fid-dawl ta' dawn, ir-rikorrenti u l-Kummissjoni ġew mistiedna jirrispondu bil-miktub għal domandi magħmula mill-Qorti Ġenerali fil-kuntest tal-miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura. Huma rrispondew għal dawn id-domandi fit-termini stabbiliti, fis-16 u fit-12 ta' Jannar 2017 rispettivament, u, mistiedna tieħu pożizzjoni fuq ir-risposti rispettivi tagħhom, il-Kummissjoni ssottomettiet osservazzjonijiet fis-6 ta' Jannar 2017 fir-rigward tar-risposta tar-rikorrenti tas-16 ta' Jannar 2017 filwaqt li r-rikorrenti ħadu pożizzjoni f'dan ir-rigward biss fis-seduta.

22 It-trattazzjoni tal-partijiet u r-risposti tagħhom għad-domandi tal-Qorti Ġenerali nstemgħu fis-seduta tat-28 ta' Frar 2017. Fil-kuntest tat-trattazzjoni tagħhom, ir-rikorrenti semmew fost l-oħrajn it-tul ta' żmien tal-proċedura amministrattiva quddiem il-Kummissjoni, iżda, mistoqsija f'dan ir-rigward mill-Qorti Ġenerali, huma spjegaw li ma kellhomx l-intenzjoni li jqajmu motiv ġdid ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' terminu raġonevoli.

23 Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

24 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiċħad ir-rikors;

— tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

Id-dritt

25 Insostenn tar-rikors, ir-rikorrenti jinvokaw żewġ motivi bbażati, l-ewwel nett, fuq ksur tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva, kif stabbilit mill-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u, it-tieni nett, fuq ksur tal-Artikoli 101 u 102 TFUE.

26 Il-Qorti Ġenerali tqis xieraq li l-ewwel tibda billi teżamina t-tieni motiv.

Fuq it-tieni motiv

27 It-tieni motiv ippreżentat mir-rikorrenti jinqasam f'żewġ partijiet. L-ewwel parti tirrigwarda żball manifest tal-Kummissjoni fl-evalwazzjoni tal-interess tal-Unjoni li tiftaħ investigazzjoni u, f'dan il-kuntest, żball ta' liġi fir-rifjut tal-Kummissjoni li tapplika għall-każ inkwistjoni l-prinċipji stabbiliti fis-sentenzi tas-17 ta' Lulju 1998, ITT Promedia vs Il-Kummissjoni (T-111/96, EU:T:1998:183), u tal-1 ta' Lulju 2010, AstraZeneca vs Il-Kummissjoni (T-321/05, EU:T:2010:266). It-tieni parti ta' dan il-motiv tirrigwarda ksur tal-effett utli tal-Artikoli 101 u 102 TFUE sa fejn, f'dan il-każ, l-ebda awtorità nazzjonali jew l-ebda qorti nazzjonali ma tista' timplementa b'mod utli dawn id-dispożizzjonijiet tad-dritt primarju tal-Unjoni fl-assenza ta' investigazzjoni kkummissjonata mill-Kummissjoni.

28 Il-Kummissjoni titlob li t-tieni motiv għandu jiġi miċħud bħala infondat.

Fuq l-ewwel parti tat-tieni motiv, rigward żball manifest fl-evalwazzjoni tal-interess tal-Unjoni li tipproċedi bil-ftuħ ta' investigazzjoni

29 Skont ir-rikorrenti, il-Kummissjoni wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni meta kkonstatat, fid-deċiżjoni kkontestata, li ma kienx hemm interess suffiċjenti għall-Unjoni sabiex tiftaħ investigazzjoni. F'dan ir-rigward, huma josservaw li l-ilment kien jirrigwarda ostakolu għall-kummerċ parallel u li l-Kummissjoni nnifisha rrikonoxxiet, f'din id-deċiżjoni li, li kieku kellha tiġi mibdija, l-investigazzjoni kien ikollha tikkonċerna l-prattika ta' 18-il entità li jinsabu f'erba' Stati Membri u tkopri perijodu ta' tul ta' żmien preżunt ta' seba' snin. B'dan il-mod, il-portata ġeografika u materjali tal-investigazzjoni, kif mitluba mir-rikorrenti fl-ilment, turi n-neċessità li hija titmexxa fuq il-livell tal-Unjoni u li, għaldaqstant, il-Kummissjoni kienet f'pożizzjoni aħjar sabiex tagħmel dan, bl-effikaċja mitluba jew mistennija, mill-awtoritajiet Pollakki u/jew Awstrijaki.

30 Ir-rikorrenti jqisu wkoll li pprovdew provi biżżejjed insostenn tal-allegazzjonijiet ifformulati fl-ilment. Għaldaqstant, meta rrifjutat li tiftaħ l-investigazzjoni, il-Kummissjoni ma wettqitx evalwazzjoni korretta taċ-ċirkustanzi fattwali u legali kollha tal-każ inkwistjoni.

31 F'dan ir-rigward, fl-ewwel lok, ir-rikorrenti jsemmu b'mod partikolari, il-korrispondenza bejn iż-żewġ uffiċċji tal-avukati, rispettivament Pollakk u Awstrijak. L-uffiċċju Awstrijak ġie mqabbad minn kumpanniji, li l-anonimat tagħhom ġie miżmum, sabiex iressaq huwa nnifsu jew permezz tal-uffiċċju Pollakk diversi lmenti li jużaw il-mezzi kollha kontra r-rikorrenti quddiem l-awtoritajiet amministrattivi u l-qrati kriminali Pollakki u/jew Awstrijaki. L-għan ta' dawn id-denunzji u ta' din il-pressjoni, li r-rikorrenti jikklassifikaw bħala "abbuż minn proċedura fil-qasam kriminali u amministrattiv" u li huma jattribwixxu prinċipalment lil RWA, kien essenzjalment li tinkiseb, billi tiġi pprovduta b'mod ikkoordinat informazzjoni żbaljata jew falza, projbizzjoni, għal tlieta mir-rikorrenti, milli jeżerċitaw l-attivitajiet tagħhom ta' kummerċ parallel għat-tliet snin li ġejjin kif ukoll tisħiħ tal-kontrolli fiskali tar-rikorrenti mingħajr bażi partikolari. RWA qabbdet ukoll investigaturi privati Pollakki sabiex tissorvelja l-attivitajiet tar-rikorrenti.

32 It-tieni nett, ir-rikorrenti jirreferu għax-xhieda ta' ċerti uffiċjali Pollakki u Awstrijaki kkopjati fil-proċessi verbali ta' smigħ redatti fil-kuntest tal-proċeduri ġudizzjarji amministrattivi u kriminali mibdija fuq talba tal-entitajiet li hemm riferiment għalihom fl-ilment kif ukoll għall-fatt li rappreżentant tal-ambaxxata tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja fir-Repubblika tal-Polonja pparteċipa, ma' uffiċjali Pollakki, f'laqgħa fl-14 u fil-15 ta' Ġunju 2005 bejn PSOR u IVA, tnejn mill-assoċjazzjonijiet ta' prodotturi u distributuri ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti msemmija fl-ilment. Din il-laqgħa wasslet għar-redazzjoni mir-rappreżentant ta' IVA ta' minuti sinjifikattivi, kif jirriżulta mis-sodisfazzjoni, espressa, skont ir-rikorrenti, mir-redattur ta' dawn il-minuti, li kien kuntent li rnexxielu jipprekludi lil Agria Polska milli teżerċita l-attivitajiet kummerċjali tagħha billi intervjena "fil-mument it-tajjeb" u billi għażel il-punti ta' kuntatt it-"tajba".

33 It-tielet nett, ir-rikorrenti jikkontestaw il-leġittimità u l-fondatezza tal-laqgħat bejn l-awtoritajiet Ġermaniżi, Awstrijaki u Pollakki f'dak li jirrigwarda l-attivitajiet tal-kumpanniji lanjanti inizjali, liema laqgħat fost l-oħrajn taw lok, wara żjara, fis-6 ta' Frar 2006, ta' uffiċjali Pollakki mal-kontropartijiet Awstrijaki tagħhom tal-Bundesamt für Ernährungssicherheit (uffiċċju federali għas-sigurtà tal-ikel, l-Awstrija), għal struzzjoni, magħmula fit-22 ta' Frar 2006 mill-ispettur ġenerali Pollakk għas-saħħa tal-pjanti u taż-żrieragħ lill-ispettur għas-saħħa tal-pjanti u taż-żrieragħ tal-voïvodie ta' Silésie f'Katowice (il-Polonja), sabiex jipproċedi b'kontroll ġdid tal-attivitajiet ta' Agria Polska. Ir-rikorrenti jaffermaw ukoll, fir-risposta tas-16 ta' Jannar 2017 għad-domandi tal-Qorti Ġenerali, li din iż-żjara tal-uffiċjali Pollakki fl-Awstrija kienet tinkludi laqgħa mal-grupp ta' xogħol inkarigat għall-prodotti tas-saħħa tal-pjanti ta' IVA, li jiżvela l-influwenza eżerċitata minn din l-assoċjazzjoni fil-proċess deċiżjonali tal-awtoritajiet Pollakki.

– *Kunsiderazzjonijiet ġenerali*

34 Skont ġurisprudenza stabbilita, il-Kummissjoni, inkarigata mill-Artikolu 105(1) TFUE bil-missjoni li tara li jiġu applikati l-Artikoli 101 u 102 TFUE, hija msejħa tiddefinixxi u timplementa l-politika tal-kompetizzjoni tal-Unjoni u għandha għal dan l-għan setgħa diskrezzjonali fit-trattament tal-ilmenti (sentenzi tas-26 ta' Jannar 2005, Piau vs Il-Kummissjoni, T-193/02, EU:T:2005:22, punt 80; tat-12 ta' Lulju 2007, AEPI vs Il-Kummissjoni, T-229/05, mhux ippubblikata, EU:T:2007:224, punt 38, u tal-15 ta' Diċembru 2010, CEAHR vs Il-Kummissjoni, T-427/08, EU:T:2010:517, punt 26). Sabiex twettaq b'mod effettiv dan il-kompitu, hija tista' għalhekk tagħti livelli ta' prijorità differenti lill-ilmenti mressqa quddiemha (ara s-sentenza tal-4 ta' Marzu 1999, Ufex *et* vs Il-Kummissjoni, C-119/97 P, EU:C:1999:116, punt 88, u l-ġurisprudenza ċċitata).

35 Meta, fl-eżerċizzju ta' din is-setgħa diskrezzjonali, il-Kummissjoni tiddeċiedi li tagħti livelli ta' prijorità differenti lill-ilmenti mressqa quddiemha, hija tista' mhux biss tiddeċiedi dwar l-ordni li fih ser jiġu eżaminati l-ilmenti, iżda wkoll tiċħad ilment minħabba nuqqas ta' interess suffiċjenti tal-Unjoni sabiex tkompli bl-eżami tal-kawża (sentenzi tal-24 ta' Jannar 1995, Tremblay *et* vs Il-Kummissjoni, T-5/93, EU:T:1995:12, punt 60, u tal-14 ta' Frar 2001, Sodima vs Il-Kummissjoni, T-62/99, EU:T:2001:53, punt 36). Peress li l-evalwazzjoni tal-interess għall-Unjoni li għandu lment fil-qasam tal-kompetizzjoni tiddependi miċ-ċirkustanzi fattwali u legali ta' kull każ (sentenza tat-12 ta' Lulju 2007, AEPI vs Il-Kummissjoni, T-229/05, mhux ippubblikata, EU:T:2007:224, punt 38), la hemm lok li jiġi limitat in-numru ta' kriterji ta' evalwazzjoni li għalihom tista' tirreferi l-Kummissjoni u lanqas, bil-kontra, li hija tiġi imposta l-użu esklużiv ta' ċerti kriterji (sentenzi tas-17 ta' Mejju 2001, IECC vs Il-Kummissjoni, C-450/98 P, EU:C:2001:276, punt 58, u tas-16 ta' Jannar 2008, Scippacercola u Terezakis vs Il-Kummissjoni, T-306/05, mhux ippubblikata, EU:T:2008:9, punt 189).

36 Is-setgħa diskrezzjonali tal-Kummissjoni ma hijiex madankollu mingħajr limitu (sentenza tal-4 ta' Marzu 1999, Ufex *et* vs Il-Kummissjoni, C-119/97 P, EU:C:1999:116, punt 89). Fil-fatt, hija għandha tieħu inkunsiderazzjoni, filwaqt li teżaminahom bir-reqqa, il-punti kollha ta' fatt u ta' liġi rilevanti li jgħarrafha bihom il-lanjant sabiex tiddeċiedi x'azzjoni tieħu fir-rigward ta' lment (ara s-sentenza tas-17 ta' Mejju 2001, IECC vs Il-Kummissjoni, C-450/98 P, EU:C:2001:276, punt 57 u l-ġurisprudenza ċċitata).

37 Meta l-Kummissjoni tiddeċiedi, bħal f'dan il-każ, li ma tiftaħx investigazzjoni, hija ma hijiex marbuta li tistabbilixxi l-assenza ta' ksur insostenn ta' tali deċiżjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Jannar 2008, Scippacercola u Terezakis vs Il-Kummissjoni, T-306/05, mhux ippubblikata, EU:T:2008:9, punti 130 u 180 u l-ġurisprudenza ċċitata).

38 B'dan il-mod, f'sitwazzjoni bħal din, hija l-Qorti Ġenerali li għandha tivverifika, mhux jekk il-lanjant, fl-ilment tiegħu, kienx ipprovda elementi biżżejjed li jippermettu l-konstatazzjoni ta' ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni, iżda jekk jirriżultax mid-deċiżjoni kkontestata li l-Kummissjoni bbilanċjat l-importanza tal-preġudizzju li l-ksur allegat għandu mnejn jikkawża lill-funzjonament tas-suq intern,

il-probabbiltà li tkun tista' tiġi stabbilita l-eżistenza tiegħu u l-portata tal-miżuri istruttorji neċessarji sabiex tiġi ssodisfatta, fl-aħjar kundizzjonijiet, il-missjoni tagħha li tivverifika li jiġu osservati l-Artikoli 101 u 102 TFUE (sentenzi tat-18 ta' Settembru 1992, Automec vs Il-Kummissjoni, T-24/90, EU:T:1992:97, punt 86; tal-24 ta' Jannar 1995, Tremblay *et* vs Il-Kummissjoni, T-5/93, EU:T:1995:12, punt 62, u tat-12 ta' Lulju 2007, AEPI vs Il-Kummissjoni, T-229/05, mhux ippubblikata, EU:T:2007:224, punt 41). Barra minn hekk, l-istħarriġ tal-qorti tal-Unjoni ma għandux iwassalha sabiex tissostitwixxi l-evalwazzjoni tagħha tal-interess tal-Unjoni (ara s-sentenza tas-16 ta' Jannar 2008, Scippacercola u Terezakis vs Il-Kummissjoni, T-306/05, mhux ippubblikata, EU:T:2008:9, punt 97 u l-ġurisprudenza ċċitata).

39 Sabiex tippermetti lill-Qorti Ġenerali teżerċita stħarriġ effettiv tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħa diskrezzjonali tagħha li tiddefinixxi prijoritajiet, din l-istituzzjoni hija madankollu marbuta b'obbligu ta' motivazzjoni meta hija tirrifjuta li tkompli bl-eżami ta' lment, u din il-motivazzjoni għandha tkun suffiċjentement preċiża u ddettaljata (sentenzi tal-4 ta' Marzu 1999, Ufex *et* vs Il-Kummissjoni, C-119/97 P, EU:C:1999:116, punti 90 u 91, u tal-14 ta' Frar 2001, Sodima vs Il-Kummissjoni, T-62/99, EU:T:2001:53, punt 42).

40 F'dan il-każ, il-Kummissjoni qieset, fid-deċiżjoni kkontestata, li ma kienx hemm interess suffiċjenti tal-Unjoni sabiex tiftaħ investigazzjoni għaliex il-probabbiltà li jiġi stabbilit ksur tal-Artikolu 101 u/jew tal-Artikolu 102 TFUE kienet tidher limitata, il-portata tal-investigazzjonijiet neċessarji tkun probabbilment sproporzjonata meta mqabbla ma' din il-probabbiltà limitata u għaliex l-awtoritajiet u l-qrati nazzjonali kienu jidhru f'pożizzjoni aħjar sabiex jittrattaw il-kwistjonijiet imqajma.

41 Huwa f'dan il-kuntest u fid-dawl tat-tfakkir tal-ġurisprudenza, espost fil-punti 34 sa 39 ta' din is-sentenza, li għandha tiġi eżaminata l-ewwel parti tat-tieni motiv.

– Fuq il-probabbiltà li jiġi stabbilit ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni u fuq id-daqs tal-investigazzjoni

42 Rigward il-fatt li l-Kummissjoni, fid-deċiżjoni kkontestata, qieset li l-probabbiltà li jiġi stabbilit il-ksur allegat kienet tidher limitata, il-Qorti Ġenerali tosserva li l-punti ta' fatt ipprovduti mir-rikorrenti kienu jippermettu, huwa minnu, li jiġi stabbilit li dawn tal-aħħar kienu s-suġġett ta' denunzji simultanji u konsistenti, essenzjalment fl-2005 u fl-2006, iżda wkoll lil hinn, fl-2008 kif ukoll mill-2010 sal-2012, għand l-awtoritajiet Awstrijaki u Pollakki, u dawn id-denunzji kienu probabbilment l-aġir ta' xi whud mill-produtturi u distributuri ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li hemm riferiment għalihom fl-ilment, anki jekk dan il-fatt ma huwiex stabbilit la b'ċertezza u lanqas bi preċiżjoni.

43 F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali tikkonstata, kif osservat il-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata, li l-provi mogħtija mir-rikorrenti sabiex juru l-probabbiltà ta' ftehim jew ta' prattika miftiehma tal-produtturi u distributuri ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti kienu jirrigwardaw, essenzjalment, l-ewwel nett, in-natura simultanja tad-denunzji li jirreferu għar-rikorrenti quddiem l-awtoritajiet nazzjonali; it-tieni nett, il-fatt li dawn il-produtturi u distributuri ltaqgħu fil-kuntest ta' assoċjazzjonijiet settorjali li huma kienu membri fihom, b'mod partikolari fl-14 u fil-15 ta' Ġunju 2005 f'laqgħu konġunta bejn PSOR u IVA, u, it-tielet nett, il-fatt li żewġ uffiċċji tal-avukati kienu ġew imqabbda sabiex jinformaw lid-diversi awtoritajiet nazzjonali b'allegat nuqqas, imwettaq mill-kumpanniji lanjanti inizjali, milli josservaw il-leġiżlazzjonijiet applikabbli għall-kummerċ ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti.

44 Huwa minnu li l-Artikolu 101 TFUE jipprekludi b'mod rigoruż kull teħid ta' kuntatt dirett jew indirett bejn l-operaturi ekonomiċi li jkollu bħala għan jew bħala effett li jinfluwenza l-aġir fis-suq ta' kompetitur attwali jew potenzjali, jew li jiżvela lil tali kompetitur l-aġir li huma ddeċidew jew li huma pprevedew li jadottaw fis-suq. Madankollu, l-operaturi ekonomiċi jżommu d-dritt li jadattaw ruħhom b'mod intelliġenti għall-aġir ikkonstatat jew antiċipat tal-kompetituri tagħhom (sentenzi tas-16 ta' Diċembru 1975, Suiker Unie *et* vs Il-Kummissjoni, 40/73 sa 48/73, 50/73, 54/73 sa 56/73,

111/73, 113/73 u 114/73, EU:C:1975:174, punt 174, u tal-20 ta' April 1999, Limburgse Vinyl Maatschappij *et* vs Il-Kummissjoni, T-305/94 sa T-307/94, T-313/94 sa T-316/94, T-318/94, T-325/94, T-328/94, T-329/94 u T-335/94, EU:T:1999:80, punt 720). Għalhekk, l-impriżi jistgħu b'mod partikolari jaġixxu sabiex jipproteġu l-interessi leġittimi tagħhom fil-preżenza ta' eventwali ksur, mill-kompetituri tagħhom, ta' dispożizzjonijiet applikabbli, bħalma huma, f'dan il-każ, il-leġiżlazzjonijiet rigward il-kummerċ ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti. Min-naħa l-oħra, l-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 1/2003 jippermetti lil impriżi, bħar-rikorrenti, li jiddenunzjaw mal-Kummissjoni eventwali nuqqas ta' osservanza mwettaq mill-kompetituri tagħhom tal-Artikoli 101 u 102 TFUE.

45 F'dan il-każ, seta' jiġi kkunsidrat li wieħed jara, fl-uniċi elementi sottomessi unilaterlament fl-ilment mir-rikorrenti, indizji ta' koordinazzjoni potenzjali bejn l-entitajiet li hemm riferiment għalihom fl-ilment fuq id-definizzjoni ta' strateġija ta' denunzja kollettiva ta' allegat ksur, imwettaq mir-rikorrenti, tal-leġiżlazzjonijiet applikabbli, b'mod partikolari, rigward il-kummerċ parallel ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti.

46 Madankollu, fir-rigward tal-probabbiltà li tiġi stabbilita l-eżistenza ta' akkordju jew ta' prattika miftiehma, il-Qorti Ġenerali tqis, fid-dawl tal-ispjegazzjonijiet ipprovduti minn xi wħud mill-entitajiet li hemm riferiment għalihom fl-ilment, fis-sens li huma kellhom jiffaċċjaw nuqqasijiet min-naħa tal-kumpanniji lanjanti inizjali fl-istess perijodu tas-sena, jiġifieri dak li fih il-bżonnijiet fi prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti tal-kultivaturi kienu l-ogħla, li huwa mingħajr ma wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni li l-Kummissjoni qieset, fid-deċiżjoni kkontestata, li tali elementi ta' risposta setgħu jiġġustifikaw s-simultanjetà tad-denunzji tal-produtturi u distributuri ta' dawn il-prodotti għand l-awtoritajiet nazzjonali.

47 Barra minn hekk, fir-rigward tal-probabbiltà li jiġi stabbilit li l-għan ta' dawn id-denunzji simultanji kien potenzjalment antikompetittiv, il-Qorti Ġenerali tqis, b'mod ġenerali, fid-dawl b'mod partikolari tar-riskji ta' preġudizzju għar-reputazzjoni tagħhom jew għall-kundizzjoni oriġinali tal-prodotti kkummerċjalizzati, li jista' jkun leġittimu, għall-produtturi u distributuri ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jinformaw lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti b'eventwali nuqqas tal-kompetituri tagħhom ta' osservanza tad-dispożizzjonijiet fis-seħħ, b'mod partikolari fil-kuntest ta' kummerċ parallel ta' tali prodotti. Fir-rigward tal-parteċipazzjoni ta' wħud mill-entitajiet li hemm riferiment għalihom fl-ilment għall-operazzjonijiet ta' kontroll imwettqa mill-awtoritajiet nazzjonali fil-bini tar-rikorrenti, il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, bħar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1383/2003, tat-22 ta' Lulju 2003, li jikkonċerna azzjoni doganali kontra merkanzija suspettati li jiksru ċerti drittijiet ta' proprjetà intellettwali u l-miżuri li għandhom jittieħdu kontra merkanzija li jinsabu li jkunu kisru dawk id-drittijiet (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 13, p. 469), u r-Regolament (UE) Nru 608/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-12 ta' Ġunju 2013, dwar l-infurzar doganali tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1383/2003 (ĠU L 181, p. 15), tipprevedi, f'ċerti każijiet, il-possibbiltà ta' preżenza ta' partijiet li għandhom drittijiet ta' proprjetà intellettwali sabiex jiġi stabbilit, waqt operazzjonijiet ta' kontroll, eventwali ksur ta' dawn id-drittijiet.

48 Huwa għaldaqstant ukoll mingħajr twettiq ta' żball manifest ta' evalwazzjoni li l-Kummissjoni qieset, fid-deċiżjoni kkontestata, li l-entitajiet li hemm riferiment għalihom fl-ilment kellhom id-dritt jinformaw lill-awtoritajiet nazzjonali b'allegat nuqqas ta' osservanza mwettaq mir-rikorrenti tal-leġiżlazzjonijiet applikabbli u, fejn xieraq, li jikkollaboraw ma' dawn l-awtoritajiet fil-kuntest tal-kontrolli li dawn wettqu.

49 Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-assimilazzjoni tal-kontrolli amministrattivi u tal-azzjonijiet amministrattivi u kriminali tar-rikorrenti ma' aġir tal-entitajiet li hemm riferiment għalihom fl-ilment, il-Qorti Ġenerali tikkonstata li d-deċiżjonijiet li jsiru kontrolli mhux fuq il-post jew fuq il-post u li jinbdew azzjonijiet amministrattivi u kriminali kontra r-rikorrenti, li kienu fl-oriġini tad-diffikultajiet li dawn tal-aħħar iltaqgħu magħhom sabiex ikomplu l-attivitajiet kummerċjali tagħhom fl-istess kundizzjonijiet, kienu attribwibbli lill-imsemmija awtoritajiet nazzjonali, li, bħalma jirrikonoxxu r-rikorrenti, jaġixxu

fl-interess pubbliku u li d-deċiżjonijiet tagħhom, f'dan is-sens, jaqgħu taħt is-setgħa diskrezzjonali tagħhom. Fil-fatt, minkejja r-riferimenti magħmula fir-risposta tas-16 ta' Jannar 2017 għal ċerti dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjonijiet Pollakka u Awstrijaka, li l-formulazzjoni tagħhom ma tippermettix neċessarjament li jiġu sostnuti l-pożizzjonijiet tagħhom, ir-rikorrenti jibqgħu ma pprovawx li dawn l-awtoritajiet nazzjonali kienu qed jaġixxu f'kompetenza limitata fis-sens li, taħt dawn il-leġiżlazzjonijiet nazzjonali, dawn tal-aħħar kellhom l-obbligu li jaġixxu mis-sempliċi fatt li rċevew informazzjoni li ġejja minn persuni terzi.

50 Il-Qorti Ġenerali tqis li, f'dan il-każ, ma kienx eskluż li dawn l-awtoritajiet nazzjonali setgħu jiddeċiedu, taħt il-leġiżlazzjonijiet nazzjonali tagħhom, li l-elementi li ġew sottomessi lilhom, b'mod anonimu jew le, ma kinux jippermettu li jiġi stabbilit jew li jiġi ssuspettat ksur mir-rikorrenti tad-dispożizzjonijiet amministrattivi, fiskali jew kriminali applikabbli u, għaldaqstant, ma kinux jiġġustifikaw il-bidu ta' azzjonijiet kontra dawn. Barra minn hekk, kif enfasizzat il-Kummissjoni fil-punt 52 tad-deċiżjoni kkontestata, parti mill-kontrolli tal-awtoritajiet Pollakki, b'mod partikolari fl-2008, f'kull każ, twettqu *ex officio* u mhux minħabba talba minn kompetituri tar-rikorrenti.

51 Lil hinn mill-kwistjoni tal-evalwazzjoni minn dawn l-awtoritajiet, Awstrijaki u Pollakki, tal-opportunità li jsiru kontrolli jew li jinbdew azzjonijiet kontra r-rikorrenti, il-Qorti Ġenerali tosserva li, skont id-data pprovduta mir-rikorrenti, 57 deċiżjoni, rigward, kull waħda minnhom, prodott differenti kkummerċjalizzat mir-rikorrenti, ġew adottati fl-Awstrija fi tmiem proċeduri ta' kontrolli amministrattivi li ppermettew lill-awtoritajiet nazzjonali jikkonstataw ksur tad-dritt applikabbli mir-rikorrenti u li, fir-rigward tal-Polonja, ir-rikorrenti ġew imposti, essenzjalment, multi amministrattivi ta' ammonti ta' 21759969.92 zlotys Pollakki (PLN), ta' PLN 48247161.60 u ta' PLN 375056.56. F'dan ir-rigward, parti mid-deċiżjonijiet iċċitati iktar 'il fuq kif ukoll il-multi ċċitati iktar 'il fuq ġew sussegwentement annullati, parzjalment jew totalment, mill-qrati nazzjonali kompetenti fid-deċiżjoni tagħhom fuq ir-rikorsi ppreżentati mir-rikorrenti. Madankollu, jibqa' l-fatt li l-awtoritajiet nazzjonali kienu inizjalment qiesu, f'deċiżjonijiet adottati skont id-dritt nazzjonali, li r-rikorrenti kienu kisru d-dispożizzjonijiet applikabbli għall-kummerċ ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li, f'kull każ, l-eventwali irregolaritajiet imwettqa mill-awtoritajiet nazzjonali ma setgħux jiġu attribwiti lill-entitajiet li hemm riferiment għalihom fl-ilment.

52 Dawn il-konstatazzjonijiet magħmula mill-awtoritajiet Pollakki u Awstrijaki setgħu jippermettu li titqiegħed f'perspettiva, kif sostniet il-Kummissjoni f'dan il-każ, l-affermazzjoni tar-rikorrenti li d-dikjarazzjonijiet u denunzji, allegatament magħmula mill-produtturi u distributuri ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li hemm riferiment għalihom fl-ilment, kienu qarrieqa jew foloz u kienu parti minn pass kollettiv intiż sabiex jelimina lir-rikorrenti inkwantu kumpanniji kompetitriċi. Minbarra dan, f'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali tosserva li r-rikorrenti baqgħu ma spjegawx għal liema raġunijiet konkreti huma ma ressqux, taħt id-dritt nazzjonali, azzjonijiet għal diffamazzjoni quddiem il-qrati nazzjonali Pollakki u Awstrijaki kontra l-kumpanniji li huma jakkużaw, f'dan il-każ, li għamlu dikjarazzjonijiet qarrieqa jew foloz fir-rigward tagħhom.

53 Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, ma kienx jidher evidenti, *prima facie*, li, fl-istat attwali tad-dritt tal-Unjoni, kien ikun faċli għall-Kummissjoni li tistabbilixxi li l-aġir tal-entitajiet li hemm riferiment għalihom fl-ilment, kif deskritt u ddokumentat mir-rikorrenti, seta', inkwantu tali, jitqies bħala adottat fil-kuntest ta' akkordju fis-sens tal-Artikolu 101 TFUE jew ta' pożizzjoni dominanti kollettiva fis-sens tal-Artikolu 102 TFUE.

54 Għaldaqstant, il-Kummissjoni setgħet, mingħajr ma twettaq żball manifest ta' evalwazzjoni, tqis fid-deċiżjoni kkontestata li l-probabbiltà li jiġi stabbilit ksur tal-Artikolu 101 jew tal-Artikolu 102 TFUE kienet tidher baxxa.

55 Sa fejn, bl-ilment u b'dan ir-rikors, ir-rikorrenti kienu jikkontestaw l-aġir u d-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet nazzjonali, f'dan il-każ tal-awtoritajiet Ġermaniżi, Awstrijaki u Pollakki, b'mod partikolari l-ftehim tagħhom sabiex iwettqu l-missjonijiet tagħhom li jaraw li tiġi osservata,

mill-operaturi li jikkummerċjalizzaw prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, il-leġiżlazzjoni applikabbli, għandu jiġi kkonstatat li tali aġir u deċiżjonijiet tal-awtoritajiet tal-Istati Membri ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 101 u 102 TFUE, għaliex dawn l-artikoli huma intiżi sabiex jirregolaw biss l-aġir ta' impriżi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta' April 1984, van de Haar u Kaveka de Meern, 177/82 u 178/82, EU:C:1984:144, punt 24). F'dan ir-rigward, il-fatt, invokat mir-rikorrenti fir-risposta tas-16 ta' Jannar 2017, li dawn l-awtoritajiet kienu influwenzati fl-għażliet tagħhom li jwettqu kontrolli minħabba li ġew aditi bl-intervent ta' uffiċċji tal-avukati mqabbda ma huwiex tali li jneħħi mid-deċiżjonijiet tagħhom in-natura ta' deċiżjonijiet ta' awtoritajiet nazzjonali.

56 Minbarra dan, il-Kummissjoni setgħet, ġustament, tqis li l-investigazzjoni, kif mitluba fl-ilment, li kienet neċessarja sabiex jiġi stabbilit jew, bil-kontra, sabiex tiġi kontradetta l-eżistenza ta' ksur tal-Artikolu 101 u/jew tal-Artikolu 102 TFUE, kienet tkun teħtieġ li jintużaw riżorsi importanti. Fil-fatt, minkejja li r-rikorrenti ġabu provi biss għal xi whud mill-entitajiet li hemm riferiment għalihom fl-ilment, b'mod partikolari RWA, huma madankollu kkontestaw numru importanti ta' kumpanniji oħra kif ukoll organizzazzjonijiet professjonali.

57 Imbagħad, bil-kontra ta' dak li jsostnu r-rikorrenti, il-fatt li l-Kummissjoni kkonstatat li l-investigazzjoni, kif mitluba fl-ilment, kienet tkun ta' daqs kbir jekk kien ikollha tinfetaħ ma kienx, minnu nnifsu, kriterju deċiżiv sabiex iġiegħlha tiftaħ tali investigazzjoni. Dan jgħodd ukoll f'dak li jirrigwarda l-fatt li aġir imsemmi fl-ilment kien allegattament adottat f'diversi Stati Membri.

58 Fuq dan l-aspett, il-Kummissjoni ssostni f'dan il-każ li l-aġir ikkritikat fl-ilment kien essenzjalment limitat għal Stat Membru wieħed, jiġifieri l-Polonja, li fih kienu jinsabu l-imħażen prinċipali Agria Polska.

59 F'dan ir-rigward, minkejja li ċerti operazzjonijiet ta' kontroll setgħu seħħew fl-Awstrija u taw lok, f'dan l-Istat Membru, għall-impożizzjoni ta' sanzjonijiet fuq ir-rikorrenti, mill-proċess jirriżulta li l-maġġoranza tad-diffikultajiet li ltaqgħu magħhom dawn tal-aħħar fir-relazzjonijiet tagħhom mal-awtoritajiet nazzjonali kienu jikkonċernaw l-attivitajiet tagħhom fil-Polonja u, biss b'mod inqas, dawk fl-Awstrija.

60 Il-Qorti Ġenerali tosserva li r-rikorrenti ressqu lment biss fil-Polonja. Fil-fatt, huma kkonfermaw, fir-risposta tas-16 ta' Jannar 2017, li huma ma kinux ressqu lment analogu quddiem il-Bundeswettbewerbsbehörde (awtorità federali tal-kompetizzjoni, l-Awstrija) u, f'dan ir-rigward, huma spjegaw, waqt is-seduta, li l-assenza ta' tressiq ta' lment quddiem din l-awtorità kien spjegat mid-deċiżjoni tal-kumpannija Lussemburgiża Cera Chem li tressaq il-kawża quddiem il-Kummissjoni, li kienet fil-fehma tagħhom, wara r-rifjut tal-UOKiK li jittratta l-ilment nazzjonali, l-entità li naturalment kienet fl-aħjar pożizzjoni sabiex tisma' l-ilment.

61 Indipendentement minn dawn l-ispjegazzjonijiet, il-Qorti Ġenerali tqis li r-rikorrenti setgħu jressqu lment quddiem l-awtorità federali tal-kompetizzjoni sa fejn, minn naħa, huma jakkużaw lil RWA talli qabbdet uffiċċju tal-avukati Awstrijak li kellu, min-naħa tiegħu, iqabbad uffiċċju tal-avukati Pollakk sabiex jipproċedi b'denunzji, quddiem l-awtoritajiet amministrattivi u kriminali nazzjonali, li jirreferu għar-rikorrenti u sa fejn, min-naħa l-oħra, huma kienu s-suġġett, f'April tal-2012, ta' spjezzjonijiet mill-uffiċċju federali għas-sigurtà tal-ikel.

62 Barra minn hekk, il-fatt li r-rikorrenti ressqu lment biss fil-Polonja jikkorrobora l-fatt li, fil-fehma tagħhom u kif il-Kummissjoni essenzjalment ikkunsidrat fid-deċiżjoni kkontestata, l-UOKiK seta' eventwalment ikun fl-aħjar pożizzjoni sabiex jiddeċiedi dwar il-kritiki żviluppati fl-ilmenti, l-istess, minbarra dan, bħall-qrati Pollakki, jew Awstrijaki fil-kuntest ta' rikors li r-rikorrenti setgħu jippreżentaw sabiex jiksbu kumpens għad-danni li jirriżultaw mill-allegat ksur, mill-produtturi ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, tal-Artikoli 101 u 102 TFUE.

63 Anki jekk jingħad li l-ilment kien jirreferi għal aġir adottat mill-kompetituri tar-rikorrenti kemm fl-Awstrija kif ukoll fil-Polonja, jew saħansitra, minkejja l-assenza ta' elementi rilevanti u sostanzjali f'dan ir-rigward, fil-Ġermanja u fil-Lussemburgu, il-fatt li l-aġir allegat seħħ f'diversi Stati Membri, f'dan il-każ f'essenzjalment tnejn minnhom, jista' jikkostitwixxi biss indizju tal-fatt li azzjoni fuq il-livell tal-Unjoni tista' tkun iktar effettiva minn bosta azzjonijiet fuq il-livell nazzjonali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Diċembru 2010, CEAHR vs Il-Kummissjoni, T-427/08, EU:T:2010:517, punt 176). Madankollu, tali indizju lanqas ma huwa suffiċjenti, inkwantu tali, sabiex jiġġustifika l-ftuħ ta' investigazzjoni mill-Kummissjoni.

64 F'kull każ, anki jekk jingħad li, sa ċertu punt, il-Kummissjoni kienet ugwalment f'pożizzjoni tajba sabiex tittratta l-kawża sa fejn l-aġir li hemm riferiment għalih fl-ilment kien jikkonċerna diversi Stati Membri u filwaqt li jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li l-UOKiK ċaħad l-ilment nazzjonali analogu għal raġuni marbuta ma' regola nazzjonali ta' preskrizzjoni, ir-rikorrenti ma kellhom l-ebda dritt li l-kawża tagħhom tiġi ttrattata mill-Kummissjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta' Diċembru 2014, Si.mobil vs Il-Kummissjoni, T-201/11, EU:T:2014:1096, punt 40), sakemm mill-proċess jirriżulta li, f'dan il-każ, dan l-aġir kien jikkonċerna essenzjalment biss żewġ Stati Membri u li l-Kummissjoni, mingħajr ma wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni f'dan ir-rigward, ikkonstatat li l-possibbiltà li tiġi stabbilita l-prova ta' eventwali ksur kienet limitata, konstatazzjoni li, minnha nnifisha, setgħet tippermetti li jiġi konkluż li ma kienx hemm interess tal-Unjoni li jitkompla l-eżami tal-kawża (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta' Diċembru 2014, Si.mobil vs Il-Kummissjoni, T-201/11, EU:T:2014:1096, punt 100 u l-ġurisprudenza ċċitata).

– Fuq l-applikabbiltà għall-każ inkwistjoni tal-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenzi tas-17 ta' Lulju 1998, ITT Promedia vs Il-Kummissjoni (T-111/96), u tal-1 ta' Lulju 2010, AstraZeneca vs Il-Kummissjoni (T-321/05)

65 Ir-rikorrenti jikkontestaw il-pożizzjoni li ħadet il-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata li tgħid li l-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenzi tas-17 ta' Lulju 1998, ITT Promedia vs Il-Kummissjoni (T-111/96, EU:T:1998:183), u tal-1 ta' Lulju 2010, AstraZeneca vs Il-Kummissjoni (T-321/05, EU:T:2010:266), ma kinitx applikabbli għall-każ inkwistjoni u ma kinitx għalhekk tippermetti li jiġi kklassifikat bħala antikompetittiv l-aġir ikkoordinat tal-entitajiet li hemm riferiment għalihom fl-ilment. Huma jqisu, barra minn hekk, li l-prattiki deskritti fl-ilmenti kienu jagħtu l-okkażjoni lill-Kummissjoni li tiżviluppa d-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni, li hija waħda mir-raġunijiet irrikonoxxuti permezz tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni rigward it-trattament minn din tal-ilmenti mressqa taħt l-Artikoli [101 TFUE] u [102 TFUE] (ĠU 2004, C 101, p. 65), kif irrettifikata (ĠU 2004, C 148, p. 10).

66 Għandu jiġi osservat f'dan ir-rigward li, fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ġġustifikat id-diffikultà li tistabbilixxi l-ksur li hemm riferiment għalih fl-ilment b'mod partikolari bir-raġuni li, fil-fehma ta' din l-Istituzzjoni, il-fatt li impriżi jinformaw lill-awtoritajiet nazzjonali jew, skont ma jgħidu r-rikorrenti, li jiddenunzjaw eventwali nuqqas għand dawn l-awtoritajiet nazzjonali ma kienx jaqa' taħt il-kunċetti ta' "azzjoni vessatorja" jew ta' "abbuż ta' proċeduri regolatorji" fis-sens tal-ġurisprudenza żviluppata fuq il-kunċett ta' abbuż minn pożizzjoni dominanti, li tirriżulta mis-sentenzi tas-17 ta' Lulju 1998, ITT Promedia vs Il-Kummissjoni (T-111/96, EU:T:1998:183), u tal-1 ta' Lulju 2010, AstraZeneca vs Il-Kummissjoni (T-321/05, EU:T:2010:266). Għandha għaldaqstant tiġi eżaminata r-rilevanza ta' din il-ġurisprudenza f'dan il-każ.

67 F'dan ir-rigward, fil-punti 60 u 61 tas-sentenza tas-17 ta' Lulju 1998, ITT Promedia vs Il-Kummissjoni (T-111/96, EU:T:1998:183), moqrija flimkien mal-punt 55 ta' din, il-Qorti Ġenerali fakkret li l-aċċess għall-qrati, inkluż ta' impriża f'pożizzjoni dominanti, kien dritt fundamentali u prinċipju ġenerali li jiggarantixxi r-rispett tad-dritt u li, għaldaqstant, kien biss f'ċirkustanzi għal kollox eċċezzjonali li l-fatt li impriża f'pożizzjoni dominanti tieħu azzjoni legali kontra l-kompetitur tagħha seta' jikkostitwixxi abbuż minn pożizzjoni dominanti fis-sens tal-Artikolu 102 TFUE. B'dan il-mod, sabiex jiġi konkluż li

azzjoni legali tista' tikkostitwixxi, fir-realtà, abbuż minn pożizzjoni, għandhom jiġu ssodisfatti żewġ kundizzjonijiet kumulattivi. Fil-fatt, l-ewwel nett, l-azzjoni ma tkunx tista' raġonevolment titqies li ssostni d-drittijiet tal-impriża inkwistjoni u ma tkunx tista' għaldaqstant isservi ħlief sabiex tikkawża fastidju lill-parti avversa u, it-tieni nett, li din l-azzjoni tkun inħasbet bħala parti minn pjan bl-għan li tiġi eliminata l-kompetizzjoni. Dawn iż-żewġ kundizzjonijiet għandhom jiġu interpretati u applikati b'mod restrittiv b'mod li ma tiġix prekluża l-applikazzjoni tal-prinċipju ġenerali ta' aċċess għall-qrati (sentenza tat-13 ta' Settembru 2012, Protégé International vs Il-Kummissjoni, T-119/09, mhux ippubblikata, EU:T:2012:421, punt 49).

68 Fil-kawża li tat lok għas-sentenza tal-1 ta' Lulju 2010, AstraZeneca vs Il-Kummissjoni (T-321/05, EU:T:2010:266), il-qorti tal-Unjoni qieset li impriża li għandha pożizzjoni dominanti ma tistax tagħmel użu minn "proċeduri regolatorji" b'mod li tipprekludi jew tirrendi iktar diffiċli d-dħul ta' kompetituri fis-suq, fl-assenza ta' motivi marbuta mal-protezzjoni tal-interessi leġittimi ta' impriża involuta f'kompetizzjoni fuq il-merti jew fl-assenza ta' ġustifikazzjonijiet oġġettivi (sentenza tal-1 ta' Lulju 2010, AstraZeneca vs Il-Kummissjoni, T-321/05, EU:T:2010:266, punti 672 u 817, ikkonfermata f'appell bis-sentenza tas-6 ta' Diċembru 2012, AstraZeneca vs Il-Kummissjoni, C-457/10 P, EU:C:2012:770, punt 134). Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, l-illegalità ta' aġir abbużiv fid-dawl tal-Artikolu 102 TFUE ma għandhiex x'taqsam mal-konformità tiegħu jew le ma' regoli ġuridiċi oħra u l-abbużi minn pożizzjoni dominanti jikkonsistu, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, f'aġir li huwa għall-bqija legali fir-rigward tal-oqsma tad-dritt għajr id-dritt tal-kompetizzjoni (sentenza tas-6 ta' Diċembru 2012, AstraZeneca vs Il-Kummissjoni, C-457/10 P, EU:C:2012:770, punt 132).

69 Is-sentenzi tas-17 ta' Lulju 1998, ITT Promedia vs Il-Kummissjoni (T-111/96, EU:T:1998:183), u tal-1 ta' Lulju 2010, AstraZeneca vs Il-Kummissjoni (T-321/05, EU:T:2010:266), ikkontestaw madankollu aġir differenti minn dak attribwit, f'dan il-każ, mir-rikorrenti lill-entitajiet li hemm riferiment għalihom fl-ilment.

70 Fil-fatt, għandu jiġi kkonstatat li, fiż-żewġ kawżi li taw lok għas-sentenzi tas-17 ta' Lulju 1998, ITT Promedia vs Il-Kummissjoni (T-111/96, EU:T:1998:183), u tal-1 ta' Lulju 2010, AstraZenecavs Il-Kummissjoni (T-321/05, EU:T:2010:266), l-awtoritajiet amministrattivi u ġudizzjarji aditi mill-impriżi f'pożizzjoni dominanti kkonċernati ma kellhomx marġni ta' evalwazzjoni tal-opportunità li jilqgħu jew le t-talbiet ta' dawn l-impriżi, kemm fil-każ ta' kontrotalba mressqa quddiem qorti nazzjonali kif ukoll fil-każ tad-deċiżjoni ta' impriża li tirtira t-talba tagħha għal awtorizzazzjoni ta' tqegħid fis-suq ta' prodott mediċinali. Minn naħa, il-qorti adita b'din il-kontrotalba kienet marbuta li tiddeċiedi fuqha. Min-naħa l-oħra, l-awtorità ta' ħruġ tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq ma setgħetx tiddeċiedi li żżomm din l-awtorizzazzjoni fis-seħħ kontra l-volontà tad-detentur tal-imsemmija awtorizzazzjoni.

71 Min-naħa l-oħra, kif ġie kkonstatat fil-punti 49 u 50 ta' din is-sentenza, l-awtoritajiet amministrattivi u kriminali li, f'dan il-każ, iddeċidew li jikkontrollaw jew jieħdu azzjoni kontra jew saħansitra jissanzjonaw lir-rikorrenti setgħu jadottaw dawn id-deċiżjonijiet indipendentement mill-informazzjoni li allegatament ġiet ipprovduta lilhom mill-impriżi produttriċi u distributriċi ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti. Bil-kontra, huma setgħu wkoll iqisu, abbażi tal-informazzjoni li ġiet trażmessa lilhom, inkluż b'mod anonimu, li ma kienx hemm lok li wieħed jipproċedi b'kontrolli jew li jinbdew azzjonijiet kontra r-rikorrenti.

72 Għaldaqstant, minbarra l-fatt li ma kienx faċli, abbażi tal-elementi pprovduti fl-ilment, li tiġi stabbilita pożizzjoni dominanti kollettiva tal-impriżi li hemm riferiment għalihom fl-ilment jew inkella pożizzjoni dominanti ta' waħda fosthom, f'dan il-każ RWA, il-Qorti Ġenerali tqis li l-Kummissjoni setgħet, mingħajr ma twettaq żball manifest ta' evalwazzjoni f'dan ir-rigward, tqis li l-probabbiltà li jiġi stabbilit ksur f'dan il-każ tal-Artikoli 101 u/jew 102 TFUE kienet baxxa, inkluż minħabba li ma kienx evidenti li l-aġir inkwistjoni f'dan il-każ seta' jaqa' taħt il-kunċett ta' abbuż minn pożizzjoni dominanti fis-sens tal-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenzi tas-17 ta' Lulju 1998, ITT Promedia vs Il-Kummissjoni (T-111/96, EU:T:1998:183), u tal-1 ta' Lulju 2010, AstraZeneca vs Il-Kummissjoni (T-321/05,

EU:T:2010:266). Din il-konstatazzjoni hija kkorroborata mill-fatt li, fis-sentenza tas-17 ta' Lulju 1998, ITT Promedia vs Il-Kummissjoni (T-111/96, EU:T:1998:183), il-qorti tal-Unjoni enfasizzat in-natura eċċezzjonali tar-rikonoxximent ta' abbuż minn pożizzjoni dominanti fis-sitwazzjoni msemmija f'dan il-każ.

73 Fl-aħħar nett, fid-dawl tas-setgħa diskrezzjonali wiesgħa li għandha l-Kummissjoni fl-istabbiliment tal-prijoritajiet fil-qasam ta' żvilupp tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni, il-fatt li kawża tkun potenzjalment tista' tippermetti li jsir kontribut sabiex jiġi żviluppat dan id-dritt fuq aspett ġdid ma jistax ikollu bħala effett li jġiegħel lill-Kummissjoni tipproċedi b'investigazzjoni, bil-kontra ta' dak li jissuġġerixxu r-rikorrenti.

74 Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal hawn fuq, l-ewwel parti tat-tieni motiv għandha tiġi miċħuda bħala infondata.

Fuq it-tieni parti tat-tieni motiv, rigward l-effett utli tal-Artikoli 101 u 102 TFUE

75 Fil-kuntest tat-tieni parti tat-tieni motiv, ir-rikorrenti jsostnu li, billi rrifjutat li tiftaħ investigazzjoni, il-Kummissjoni, f'dan il-każ, neħħiet kull effett utli tal-Artikoli 101 u 102 TFUE.

76 Fil-fatt, bid-deċiżjoni kkontestata u fid-dawl tar-rifjut tal-UOKiK li jiftaħ investigazzjoni fil-Polonja tad-diffikultà, jew saħansitra l-impossibbiltà, fil-prattika, li jinkiseb kumpens għad-dannu subit quddiem il-qrati nazzjonali, il-ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni mill-entitajiet li hemm riferiment għalihom fl-ilment ma setax jiġi ssanzjonat, la minn awtorità ta' kompetizzjoni u lanqas minn qorti nazzjonali, u dan minkejja li kien ukoll inkwistjoni l-moviment liberu tal-merkanzija, b'mod iktar partikolari l-kummerċ tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u minkejja li l-Kummissjoni kellha okkażjoni reali sabiex tiżgura żvilupp rilevanti tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni.

77 B'mod preliminari, fir-rigward tal-fatt li l-UOKiK iddeċieda li ma jinvestigax l-ilment nazzjonali minħabba r-regola ta' preskrizzjoni ta' sena, prevista fid-dritt Pollakk u li tibda tiddekorri mit-tmiem tas-sena li fiha waqaf il-ksur allegat, għandu jiġi kkonstatat li din id-deċiżjoni tal-awtorità nazzjonali ta' kompetizzjoni, li ma tinkludi l-ebda evalwazzjoni rigward in-nuqqas ta' osservanza, jew le, tal-Artikoli 101 u 102 TFUE, ma jistax ikollha l-effett li ġġiegħel lill-Kummissjoni tiftaħ investigazzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Jannar 2015, easyJet Airline vs Il-Kummissjoni, T-355/13, EU:T:2015:36, punt 28).

78 Barra minn hekk, għandu jiġi enfasizzat li r-rekwiżit ta' effikaċja ma jistax jinvolvi l-obbligu għall-Kummissjoni li tivverifika, meta hija tikkonstata l-assenza ta' interess tal-Unjoni li tiftaħ l-investigazzjoni, jekk l-awtorità ta' kompetizzjoni li kienet preċedentement ġiet adita b'ilment analogu kellhiex mezzi istituzzjonali, finanzjarji u tekniċi sabiex twettaq il-missjoni fdata lilha permezz tar-Regolament Nru 1/2003 (ara, b'mod analogu, is-sentenza tas-17 ta' Diċembru 2014, Si.mobil vs Il-Kummissjoni, T-201/11, EU:T:2014:1096, punt 57).

79 F'kull każ, ir-rikorrenti jibqgħu ma pprovawx li l-UOKiK ma għandux l-intenzjoni li jieħu azzjoni kontra, u jissanzjona b'mod effikaċi l-ksur tal-Artikoli 101 u 102 TFUE. Bl-istess mod, huma bl-ebda mod ma jistabbilixxu kif it-terminu ta' preskrizzjoni previst mid-dritt Pollakk, li ġie invokat kontrihom insostenn taċ-ċaħda tal-ilment nazzjonali u li, fl-assenza ta' leġiżlazzjoni tad-dritt tal-Unjoni applikabbli *ratione temporis*, kien jaqa' taħt l-awtonomija proċedurali tar-Repubblika tal-Polonja, kien tali li jirrendi impossibbli jew eċċessivament diffiċli l-eżerċizzju tad-drittijiet li huma kellhom taħt dawn id-dispożizzjoniet tat-Trattat FUE (ara, f'dan is-sens u b'mod analogu, is-sentenza tat-13 ta' Lulju 2006, Manfredi *et*, C-295/04 sa C-298/04, EU:C:2006:461, punti 77 u 78). Barra minn hekk, ir-rikorrenti rrikonoxxew, waqt is-seduta, li, fl-ilment nazzjonali u fl-ittra tat-30 ta' Awwissu 2010, huma ma kinux issottomettew għall-evalwazzjoni tal-UOKiK elementi fattwali li

jirrigwardaw perijodu wara s-sena 2008, meta, kif enfasizzat il-Kummissjoni, b'mod partikolari fl-osservazzjonijiet tas-6 ta' Frar 2017, l-imħażen u sedi prinċipali ta' Agria Polska kienu s-suġġett ta' spezzjonijiet mill-awtoritajiet Pollakki matul ix-xhur minn Mejju sa Ġunju 2010.

80 Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali tfakkar li, b'mod ġenerali u kif tfakkar fl-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 1/2003, huma l-qrati nazzjonali inkarigati li japplikaw, fil-kuntest tal-kompetenzi tagħhom, id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 101 u 102 TFUE, li jipproduċu effetti diretti fir-relazzjonijiet bejn l-individwi u li joħolqu drittijiet għall-invididwi kkonċernati, li jiżguraw l-effett sħiħ ta' dawn in-normi u li jipproteġu d-drittijiet li huma jagħtu lill-individwi (sentenza tal-20 ta' Settembru 2001, Courage u Crehan, C-453/99, EU:C:2001:465, punti 23 u 25).

81 Għaldaqstant, ir-rikorrenti jistgħu jibdew quddiem il-qrati nazzjonali Pollakki jew Awstrijaki kawżi għall-kumpens għad-dannu li allegatament ġie kkawżat lilhom bl-aġir jew bl-azzjonijiet tal-produtturi u distributuri ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li huma jqisu li jmorru kontra l-Artikoli 101 u 102 TFUE. Fil-fatt, kull persuna, fiżika jew ġuridika, għandha d-dritt li titlob kumpens għad-dannu subit meta tkun teżisti rabta kawżali bejn l-imsemmi dannu u akkordju jew prattika pprojbita mill-Artikoli 101 jew 102 TFUE (sentenza tat-13 ta' Lulju 2006, Manfredi *et*, C-295/04 sa C-298/04, EU:C:2006:461, punt 61).

82 F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li l-eventwali rifjut ta' awtorità nazzjonali ta' kompetizzjoni jew tal-Kummissjoni li tiftaħ investigazzjoni, li għandu mnejn iwassal għal evalwazzjoni minn waħda minn dawn l-awtoritajiet amministrattivi tal-eżistenza ta' ksur tar-regoli ta' kompetizzjoni u, fejn xieraq, għall-impożizzjoni ta' sanzjoni pekunjarja fuq l-impriżi koperti minn din l-investigazzjoni, ma jistax ikollu bħala effett li jillimita d-dritt tar-rikorrenti li jadixxu lill-qrati nazzjonali b'kawżi għall-kumpens għad-dannu kkawżat mill-ksur tal-Artikoli 101 u 102 TFUE.

83 F'dawn iċ-ċirkustanzi, anki f'kuntest li fih l-awtorità nazzjonali ta' kompetizzjoni, f'dan il-każ l-UOKiK, tkun ċaħdet l-ilment nazzjonali għal raġuni marbuta ma' regola nazzjonali ta' preskrizzjoni u anki jekk eventwali investigazzjoni tal-Kummissjoni setgħet potenzjalment tirrendi eħfef, fil-kuntest tar-rikorsi ppreżentati quddiem il-qrati nazzjonali, l-oneru ta' prova tar-rikorrenti, dawn tal-aħħar ma jistgħux isostnu li d-deċiżjoni kkontestata, li permezz tagħha l-Kummissjoni rrifjutat li tiftaħ investigazzjoni, kellha bħala konsegwenza li tneħħi kull effett utli mill-Artikoli 101 u 102 TFUE.

84 Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali tfakkar li l-kawżi għad-danni quddiem il-qrati nazzjonali jistgħu, bl-istess mod bħall-azzjoni tal-Kummissjoni u tal-awtoritajiet nazzjonali ta' kompetizzjoni, jikkontribwixxu sostanzjalment għaż-żamma ta' kompetizzjoni effettiva fl-Unjoni (sentenza tal-20 ta' Settembru 2001, Courage u Crehan, C-453/99, EU:C:2001:465, punt 27) u li huwa partikolarment meta l-Kummissjoni tiddeċiedi li ma tittrattax ilment li l-lanjant jista' jsostni quddiem qorti nazzjonali d-drittijiet li huwa għandu taħt l-Artikoli 101 u 102 TFUE (ara s-sentenza tat-18 ta' Marzu 1997, Guérin automobiles vs Il-Kummissjoni, C-282/95 P, EU:C:1997:159, punt 39 u l-ġurisprudenza ċċitata).

85 Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, it-tieni parti tat-tieni motiv għandha tiġi miċħuda.

86 Mill-kunsiderazzjonijiet kollha msemmija fil-punti 42 sa 84 ta' din is-sentenza jirriżulta li l-Kummissjoni, fid-deċiżjoni kkontestata, ma wettqitx żball manifest ta' evalwazzjoni fl-ibbilanċjar tal-importanza tal-preġudizzju li l-ksur allegat għandha mnejn jikkawża għall-funzjonament tas-suq intern, il-probabbiltà li tiġi stabbilita l-eżistenza tiegħu u l-portata tal-miżuri istruttorji neċessarji.

87 Għaldaqstant, it-tieni motiv għandu jiġi miċħud bħala infondat.

Fuq l-ewwel motiv

88 Fil-kuntest tal-ewwel motiv, ir-rikorrenti jinvokaw ksur mill-Kummissjoni tad-dritt tagħhom għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva, kif stabbilit kemm fl-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950 (iktar 'il quddiem il-"KEDB") kif ukoll fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Dan ikkawża dannu għar-reputazzjoni tagħhom kif ukoll għall-possibbiltà li jiżviluppaw l-attivitajiet tagħhom ta' kummerċ parallel. Huma jevalwaw dan id-dannu, mill-inqas f'dak li jirrigwarda Agria Polska, għal ammont ta' PLN 45 868 000.

89 Skont ir-rikorrenti, huma għandu jkollhom dritt għal rimedju effettiv f'sitwazzjoni, bħal dik inkwistjoni, fejn id-drittijiet tagħhom ġew miksura minħabba ksur preżunt tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni mill-entitajiet li hemm riferiment għalihom fl-ilment. Billi rrifjutat li tiftaħ investigazzjoni, meta l-UOKiK kien diġà min-naħa tiegħu rrifjuta li jiftaħ investigazzjoni nazzjonali permezz ta' deċiżjoni li ma tistax tkun is-suġġett ta' rikors taħt id-dritt Pollakk, il-Kummissjoni ċaħħdithom minn kull possibbiltà li jikkontestaw, fuq il-mertu, id-deċiżjoni ta' din tal-aħħar li kellha sseħħ sabiex tiġi kkonstatata l-eżistenza ta' ksur tal-Artikolu 101 jew tal-Artikolu 102 TFUE. Hija biss l-adozzjoni mill-Kummissjoni ta' tali deċiżjoni, li tiddeċiedi fuq il-mertu, li kienet tippermetti lir-rikorrenti jkollhom rimedju kontra din id-deċiżjoni quddiem il-Qorti Ġenerali. B'dan il-mod, skont ir-rikorrenti, l-uniku rimedju effettiv li jippermetti li tiġi żgurata l-protezzjoni li jiggarantixxu għalihom it-Trattat FUE u d-dritt sekondarju tal-Unjoni kien preċiżament il-ftuħ ta' investigazzjoni mill-Kummissjoni.

90 Bil-kontra ta' dak li indikat il-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata, il-bidu mir-rikorrenti ta' proċeduri quddiem il-qrati nazzjonali kontra l-entitajiet li hemm riferiment għalihom fl-ilment u fl-ilment nazzjonali, eventwalment fil-kuntest tad-dritt ċivili, fiskali, amministrattiv, kummerċjali jew kriminali, b'mod partikolari għal motivi ta' falsifikazzjoni ta' provi, ta' diffamazzjoni jew ta' ksur ta' regoli ta' etika, ma huwiex tali li jippermettilhom jiksbu kumpens għad-dannu direttament marbut direttament mal-ksur allegat tal-Artikoli 101 u/jew 102 TFUE, imsemmi fl-ilment. Minn naħa, ċerti azzjonijiet huma preskritti fid-dritt Pollakk minħabba l-applikazzjoni ta' terminu ta' preskrizzjoni ta' tliet snin previst mid-dritt nazzjonali għall-kawżi marbuta mal-eżerċizzju ta' attività ekonomika. Min-naħa l-oħra, il-qrati Pollakki għadhom ma humiex disposti, skont ir-rikorrenti, li jiżguraw protezzjoni effettiva tad-drittijiet tal-impriżi ggarantiti permezz tal-Artikoli 101 u 102 TFUE.

91 Il-Kummissjoni titlob li l-motiv jiġi miċħud bħala infondat.

92 B'mod preliminari, il-Qorti Ġenerali tfakkar li, skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 47, tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, kull persuna li d-drittijiet u l-libertajiet tagħha ggarantiti mid-dritt tal-Unjoni ġew miksura, għandha d-dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti skont il-kundizzjonijiet previsti fl-imsemmi artikolu. Dan il-prinċipju jikkostitwixxi prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, li jirriżulta mit-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni tal-Istati Membri u li ġie stabbilit bl-Artikoli 6 u 13 tal-KEDB. Skont l-ispjegazzjonijiet marbuta mal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, li, skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 6(1) TUE u l-Artikolu 52(7) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-interpretazzjoni ta' din, it-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali jikkorrispondi għall-Artikolu 6(1) tal-KEDB (sentenza tat-22 ta' Diċembru 2010, DEB, C-279/09, EU:C:2010:811, punti 29 u 32).

93 L-ewwel nett, rigward l-argument tar-rikorrenti dwar il-ksur tad-dritt tagħhom għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva quddiem il-Qorti Ġenerali, għandu jitfakkar li l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li huma awtorizzati jressqu lment taħt l-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 1/2003 għandhom rimedju ġudizzjarju intiż sabiex jiġu protetti l-interessi leġittimi tagħhom jekk ma jintlaqax, kollu jew parzjalment, l-ilment tagħhom (sentenza tal-25 ta' Ottubru 1977, Metro SB-Großmärkte vs Il-Kummissjoni, 26/76, EU:C:1977:167, punt 13). F'dan il-każ, ir-rikorrenti għamlu preċiżament użu minn dan ir-rimedju ġudizzjarju billi ppreżentaw dan ir-rikors taħt l-Artikolu 263 TFUE.

94 It-tieni nett, rigward il-fatt li r-rikorrenti xtaqu jiksbu mill-Kummissjoni deċiżjoni li tikkonstata jew le l-eżistenza tal-ksur allegat tal-Artikoli 101 u/jew 102 TFUE sabiex, fejn xieraq, jippreżentaw rikors taħt l-Artikolu 263 TFUE kontra tali deċiżjoni, għandu jitfakkar li l-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 1/2003 ma jagħtix lil-lanjant id-dritt li jeżiġi li l-Kummissjoni tadotta deċiżjoni definittiva rigward l-eżistenza jew l-ineżistenza tal-ksur allegat, bl-istess mod bħalma ma jobbligax lill-Kummissjoni tkompli f'kull każ il-proċedura sal-istadju ta' deċiżjoni finali (sentenza tat-18 ta' Ottubru 1979, GEMA vs Il-Kummissjoni, 125/78, EU:C:1979:237, punt 18, u d-digriet tal-31 ta' Marzu 2011, EMC Development vs Il-Kummissjoni, C-367/10 P, mhux ippubblikat, EU:C:2011:203, punt 73).

95 Minbarra dan, l-ammissjoni tal-fehma tar-rikorrenti, li tgħid li l-Kummissjoni għandha sistematikament tipproċedi bil-ftuħ ta' investigazzjoni meta lment, analogu għal dak imressaq quddiemha, ikun diġà ġie miċħud preċedentement, eventwalment b'mod żbaljat, minn awtorità nazzjonali ta' kompetizzjoni għal motiv marbut mal-preskrizzjoni, ma hijiex, għall-bqija, kompatibbli mal-għan tal-Artikolu 13(2) tar-Regolament Nru 1/2003 li kien li tiġi stabbilita, bl-iskop ta' effikaċja, allokazzjoni ottima tar-riżorsi fi ħdan in-netwerk Ewropew ta' kompetizzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Jannar 2015, easyJet Airline vs Il-Kummissjoni, T-355/13, EU:T:2015:36, punt 37). F'kull każ, la r-Regolament Nru 1/2003 u lanqas il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-kooperazzjoni fi ħdan in-netwerk tal-awtoritajiet ta' kompetizzjoni (ĠU 2004, C 101, p. 43) ma joħolqu drittijiet jew aspettattivi għal impriża f'dak li jirrigwarda t-trattament tal-kawża tagħha minn awtorità ta' kompetizzjoni speċifika (ara s-sentenza tas-17 ta' Diċembru 2014, Si.mobil vs Il-Kummissjoni, T-201/11, EU:T:2014:1096, punt 39 u l-ġurisprudenza ċċitata) sabiex, fejn xieraq, tibbenefika mill-ġbir ta' provi miksuba minn din l-awtorità permezz tas-setgħat ta' investigazzjoni tagħha.

96 It-tielet nett, ir-rikorrenti jilmentaw, essenzjalment, minn naħa, dwar l-assenza ta' kwalunkwe rimedju fuq il-livell nazzjonali li jippermetti li jinkiseb b'mod effikaċi kumpens għad-dannu li huma jqisu li sostnew minħabba l-aġir tal-kumpanniji li hemm riferiment għalihom fl-ilment u li ma kinux is-suġġett ta' investigazzjoni mill-UOKiK u, min-naħa l-oħra, dwar l-assenza ta' rimedju ġudizzjarju kontra d-deċiżjoni tal-UOKiK li ma tiftaħx investigazzjoni nazzjonali għal motivi marbuta mal-preskrizzjoni, għaliex, fid-digriet II GSK 1035/11 tat-12 ta' Lulju 2011, in-Naczelny Sąd Administracyjny (qorti suprema amministrattiva, il-Polonja) ddeċidiet, f'kawża analoga, li "informazzjoni [tal-president tal-UOKiK] rigward l-assenza ta' bażi sabiex tinfetaħ proċedura fil-qasam ta' akkordji ma tistax titqies bħala deċiżjoni ta' rifjut li tinfetaħ proċedura" u li "[l]-ittra tal-president tal-UOKiK [f'dan ir-rigward] [kienet] ta' natura informattiva u ma tistax tiġi kklassifikata bħala att jew miżura fis-sens tal-punt 4 tal-Artikolu 3(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura quddiem il-qrati amministrattivi [Pollakki]".

97 Fuq dan l-aspett, minkejja li, waqt is-seduta, il-Kummissjoni rrikonoxxiet li ma kienx eskluż li din il-ġurisprudenza tan-Naczelny Sąd Administracyjny (qorti suprema amministrattiva) tista' tikser l-Artikoli 101 u 102 TFUE u tiġġustifika l-bidu sussegwenti ta' proċedura kontra r-Repubblika tal-Polonja, il-Qorti Ġenerali tfakkar li ma huwiex parti mill-proċedura prevista fl-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 1/2003 li jsiru konstatazzjonijiet ta' eventwali nuqqas mill-awtoritajiet, inkluż ġudizzjarji, tal-Istati Membri, għaliex dan jaqa' taħt il-proċedura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu prevista fl-Artikolu 258 TFUE (ara, f'dan is-sens, id-digriet tad-29 ta' Settembru 1997, Sateba vs Il-Kummissjoni, T-83/97, EU:T:1997:140, punt 39) u li ma huwiex permess li jiġu evitati r-regoli effettivament applikabbli billi wieħed jipprova jneħħi mill-ambitu tal-Artikolu 258 TFUE proċedura rregolata mit-Trattat billi tiġi ssuġġettata artifiċjalment għar-regoli previsti mir-Regolament Nru 1/2003 (ara digriet tad-19 ta' Frar 1997, Intertronic vs Il-Kummissjoni, T-117/96, EU:T:1997:16, punt 24 u l-ġurisprudenza iċċitata).

98 Għaldaqstant, l-argument tar-rikorrenti rigward, minn naħa, il-qosor tat-terminu ta' preskrizzjoni applikabbli għall-UOKiK sabiex tittieħed azzjoni kontra aġir antikompetittiv kif ukoll tat-terminu ta' preskrizzjoni ta' tliet snin applikabbli għall-attivitajiet tal-impriżi skont id-dritt Pollakk u, min-naħa l-oħra, l-assenza ta' rimedju fid-dritt Pollakk kontra d-deċiżjoni tal-UOKiK li ma jiftaħx investigazzjoni nazzjonali għandu jiġi miċħud.

99 Indipendentement mir-rifjut tal-UOKiK li jiftaħ investigazzjoni nazzjonali, fi kwalunkwe każ ir-rikorrenti setgħu jressqu, quddiem il-qrati nazzjonali u skont id-dritt nazzjonali, kawżi intiżi għall-kumpens ta' allegat dannu bbażat fuq il-ksur, mill-entitajiet li hemm riferiment għalihom fl-ilment, tal-Artikoli 101 u/jew 102 TFUE. F'dan ir-rigward, minn naħa, il-fatt li, bil-kontra tad-dritt Pollakk applikabbli *ratione temporis* waqt it-tressiq tal-ilment nazzjonali, id-Direttiva 2014/104/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Novembru 2014, dwar ċerti regoli li jirregolaw l-azzjonijiet għad-danni skont il-liġi nazzjonali għall-ksur tad-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-kompetizzjoni tal-Istati Membri u tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2014, L 349, p. 1), tipprevedi terminu ta' preskrizzjoni itwal għal tali kawżi, f'dan il-każ terminu ta' ħames snin, huwa irrilevanti, għaliex it-terminu ta' traspożizzjoni ta' din id-direttiva kien għadu ma skadiex fid-data li fiha tressaq l-ilment. Min-naħa l-oħra u f'kull każ, anki jekk jiġi stabbilit li r-rikorrenti ma kellhomx fid-dispożizzjoni tagħhom rimedju ġudizzjarju adegwat quddiem il-qrati nazzjonali sabiex jiksbu l-kumpens tal-imsemmi dannu taħt il-*private enforcement* tar-regoli ta' kompetizzjoni, tali sitwazzjoni ma jistax ikollha bħala effett li ġġiegħel lill-Kummissjoni tiftaħ investigazzjoni fuq il-livell tal-Unjoni taħt il-*public enforcement* tal-imsemmija regoli.

100 Mill-bqija, ir-rikorrenti spjegaw li ressqu quddiem is-Sąd Okręgowy w Warszawie (qorti reġjonali ta' Varsovja, il-Polonja) kawża għad-danni bbażata fuq id-dritt Pollakk sabiex jiksbu kumpens għad-dannu li huma allegatament sostnew minħabba n-natura żbaljata tad-deċiżjonijiet adottati mill-uffiċjali tal-awtoritajiet Pollakki ta' kontroll u tal-azzjoni ta' RWA għand dawn l-uffiċjali sabiex huma jadottaw tali deċiżjonijiet.

101 Fl-aħħar nett, rigward l-argument ibbażat fuq l-allegat ksur mill-Kummissjoni tal-Artikolu 1 tal-Protokoll Nru 1 tal-KEDB, dan għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli, kif issostni l-Kummissjoni, għaliex l-argument tar-rikorrenti f'dan ir-rigward ma jissodisfax ir-rekwiżiti ta' ċarezza tal-Artikolu 76 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali.

102 Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal hawn fuq, l-ewwel motiv għandu jiġi miċħud u, għaldaqstant, ir-rikors kollu kemm hu.

Fuq l-ispejjeż

103 Skont l-Artikolu 134(1) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef il-kawża għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu.

104 Peress li r-rikorrenti tilfu, hemm lok li huma jiġu kkundannati għall-ispejjeż, kif mitlub mill-Kummissjoni.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (L-Ewwel Awla)

taqta' u tiddeċiedi:

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Agria Polska sp. z o.o., Agria Chemicals Poland sp. z o.o., Star Agro Analyse und Handels GmbH u Agria Beteiligungsgesellschaft mbH huma kkundannati għall-ispejjeż.

Pelikánová Nihoul Svenningsen

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fis-16 ta' Mejju 2017.

Werrej

Il-fatti li wasslu għall-kawża 2

Il-proċedura quddiem l-UOKiK 2

Il-proċedura quddiem il-Kummissjoni 3

Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet 5

Id-dritt 5

Fuq it-tieni motiv 6

Fuq l-ewwel parti tat-tieni motiv, rigward żball manifest fl-evalwazzjoni tal-interess tal-Unjoni li tipproċedi bil-ftuħ ta' investigazzjoni 6

– Kunsiderazzjonijiet ġenerali 7

– Fuq il-probabbiltà li jiġi stabbilit ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni u fuq id-daqs tal-investigazzjoni . 8

– Fuq l-applikabbiltà għall-każ inkwistjoni tal-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenzi tas-17 ta' Lulju 1998, ITT Promedia vs Il-Kummissjoni (T-111/96), u tal-1 ta' Lulju 2010, AstraZeneca vs Il-Kummissjoni (T-321/05) 12

Fuq it-tieni parti tat-tieni motiv, rigward l-effett utli tal-Artikoli 101 u 102 TFUE 14

Fuq l-ewwel motiv 16

Fuq l-ispejjeż 18